**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Frar, 2002

**Numru 16**

**Avviz. numru 1703/01JR**

**Pauline Cilia**

**vs**

**Paul u Patricia konjugi Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm345.00), oltre l-imghax mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala, dovuti ghall-ghaxar kambjali (Dok.A sa Dok.J) ta' hmistax-il lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm15.65) il-wahda, li skadew u baqghu ma thallsux, li b'kollox igibu mija u sitta u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm156.50); kif ukoll ta' ghaxar kambjali ohra (Dok.K sa Dok.T) ta' tmentax-il lira Maltija u hamsa u tmenin**

**centezmu (Lm18.85) il-wahda, li wkoll skadew u baqghu ma thallsux mill-konvenuti, li b'kollox igibu mija tmienja u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm188.50) ohra. Dawn l-ghaxrin kambjala gew girati sussegwentement fuq l-attrici mis-socjeta` Blye Engineering Co. Ltd (ta' Naxxar Road, San Gwann) kif jidher fuq wara ta' kul wahda.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' l-attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub kien ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm345.00), bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**